**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Rabat, Città Victoria**

**ID-DISA' LEĠIŻLATURA**

**Laqgħa Numru KLR 8/IX/2024**

**Il-Ġimgħa, 31 ta' Jannar, 2025 fid-09:00**

**Fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali**

**Preżenti:**
Is-Sur Brian Azzopardi – Sindku
Is-Sur George Cassar – Viċi Sindku
Is-Sinjura Mariella Abela – Kunsillier
Is-Sur Josef Schembri – Kunsillier
Is-Sur Marcell Tabone – Kunsillier

**Skużati:**
Is-Sur Joseph Debrincat - Kunsillier
Is-Sur Michel Buttigieg – Kunsillier

**Uffiċjal Preżenti:**
Is-Sinjura Miriam Attard – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Brian Azzopardi ppresjeda l-laqgħa.

**8.1 Talba**

Il-laqgħa bdiet fid-09:00. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

**8.2 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

8.2.1 Inqraw l-ittri t'apoloġija tal-membri skużati.

**8.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

8.3.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 7 ġew iċċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

8.3.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjoni li seta' kien hemm mill-minuti.

8.3.3 Ma kienx hemm korrezzjonijiet u l-minuti ġew approvati.

**8.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

8.4.1 Is-Sindku qal li ġie ikkuntattjat minn Julian Sammut minn Mizzi Foundation. Spjega kif fl-aħħar tas-snin erbgħin kien hawn ix-xewqa sabiex titwaqqa l-Banca Giuratale sabiex flokha jsir il-monument ta' Kristu Re li hemm fi Pjazza Indipendenza. Ressaq xi materjal li juri dan u juri wkoll fejn il-Kav. Vincenzo Bonello kien ħadem ħafna sabiex il-Banca ma titwaqqax. Mill-materjal li tressaq kien hemm referenza għall-Rev. Dr. Joseph Bezzina u allura s-Sindku vverifika dan kollu ma Bezzina, u dan ikkonferma. Li qed jissuġġerixxu minn naħa ta' Mizzi Foundation hu, li ssir lapida kommemorattiva għas-spejjeż tagħhom fil-bini ġew tal-Banca. Il-membri qablu u l-kliem li ser isir fuq il-lapida għandu jiġi muri wkoll lill-Rev. Bezzina.

8.4.2 Is-Sindku qal li qed jintrema ħafna skart mal-Banca u dan qed ikun iġġenerat minn ristoranti u anke' appartamenti fil-viċin li jinkrew. Issuġġerixxa li jsiru CCTV cameras mad-dawra tal-Banca, kif kien hawn xi snin ilu. Tenna li qed jara kif dawn jistgħu jkunu ffinanzjati b'għajnuna mill-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar. Il-membri qablu.

8.4.3 Is-Sindku qal li l-ħarġa għal Malta li ser issir fis-17 ta' Frar, 2025 hi mimlija kollha u hemm in-nies interessati fuq il-*waiting list*.

84.4 Is-Sindku qal li qed jagħmel il-preparamenti għal Jum il-Belt Victoria, biex wara jressqu quddiem il-Kunsill għall-approvazzjoni. Issuġġerixxa li jiġi ffurmat sotto-kumitat li għal din is-sena fih ikun hemm, hu bħala Sindku, s-segretarju Eżekuttiv, Mro Mark Gauci, il-Kap tal-iskola Primarja, Lelio Spiteri, Richard Grech u Matthew Sultana.

8.4.5 Dwar l-intervisti għall-post vakanti ta' Assistant Principal, is-Sindku għarraf lill-membri li l-membru Tabone ma jistax ikun fil-bord tal-għażla u minfloku ssuġġerixxa li jkun il-membru Schembri. Il-membri qablu. L-intervisti ser isiru fil-21 ta' Frar, 2025.

8.4.6 Dwar il-post ta' Uffiċjal Eżekuttiv fuq skala 13, saret l-intervista lill-Paul Grech li hu skrivan mal-Kunsill u li applika internament. Dan għadda mill-intervista u l-membri aċċettaw li Grech jiġi ngaġġat bħala Uffiċċjal Eżekuttiv fuq skala 13. Id-Diviżjoni għal Gvern Lokali ser tiġi nfurmata bid-dettalji.

8.4.7 Is-Sindku wassal l-informazzjoni li t-*telephone boxes* il-ħomor ta' żmien l-Ingliżi ser jiġu restawrati minn naħa tad-Direttorat għall-Wirt Kulturali. Dawk li ma fihomx valur ser jinġabbru fil-kajżelli. Id-Direttorat qed jipproponi li flok dik li hemm 'l fuq mill-monument ta' Ġorġ Pisani fi Triq taħt Putirjal, issir *information panel* moderna li tkun utli għat-turisti u viżitaturi. Il-membri qablu li t-telphone boxes jiġu restawrati pero' ma qablux li minnhom jitneħħew. Is-Sindku qal li ser iressaq dan lid-Direttorat.

### 8.5 Korrispondenza, ilmenti u suġġerimenti

Tressqet korrispondenza mingħand:-

8.5.1 id-Diviżjoni għal Gvern Lokali rigward:-

i) SPI/SCI/1/2025 – Korsijiet *Lifelong Learning* 2025/2026;

ii) SPI/SCI/8/2024 – Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Karnival 2025;

8.5.2 Reġjun Għawdex fejn il-Kunsill:-

i) intalab iħallas il-kontribut tiegħu ta' €50,000 li kien sar qbil fuqu sabiex jiġi mħejji l-*bid book* li permezz tiegħu Reġjun Għawdex japplika biex ir-Rabat, Għawdex tkun il-Belt Kulturali Ewropea 2031. Ta' min jinnota li r-Reġjun ser joħroġ €100,000 u l-Gvern Ċnetrali għandu joħroġ €50,000 biex jiġi ffianzjat ix-xogħol fuq il-*bid book*;

ii) intalab dettalji ta' adoloxxenti li huma nteressati jipparteċipaw fil-fażi ta' konsultazzjoni in konnessjoni mal-applikazzjoni biex ir-Rabat ikun il-Belt Kulturali Ewropea tal-Kultura 2031. Il-membri qablu li jekk ikunu jafu b'adoloxxenti nteressati għandhom jinfurmaw lis-Segretarju Eżekuttiv;

iii) ġie mgħarraf biż-żgħażagħ Rabtin li ser jipparteċipaw fil-European Youth Orchestra 2025. Mir-Rabat ser jipparteċipaw tlett żgħażagħ;

8.5.3 *Project Green* fejn il-Kunsilli Lokali ġew mitluba jidentifikaw postijiet fejn jistgħu jiżdiedu s-siġar. Il-Kunsill ser jissuġġerixxi t-toroq l-Imgħallem u Wara s-Sur;

8.5.4 Richard Cauchi li hu l-kuntrattur li ħa ħsieb il-bdil tal-fanali fit-toroq taċ-ċentru tar-Rabat. Cauchi għarraf lill-Kunsill li għamel l-intervent rikjest mill-Awtorita' tal-Ippjanar in konnessjoni mal-fond mid-*Development Planning Fund*. Il-Kunsill għandu jgħarraf dan lill-Awtorita' tal-Ippjanar sabiex isir dak li hemm bżonn biex jinħareġ il-pagament finali.

8.5.5 id-Direttur tal-Oratorju Don Bosco, fejn wera x-xewqa li ż-żgħażagħ tal-Oratorju jixtiequ li jiġi organizzat il-Karnival fil-periferiji tar-Rabat, f'taċ-Ċawla u l-Kapuċċini. Is-Sindku talab l-għajnuna tad-Direttorat għall-Wirt Kulturali. Billi ma baqax żmien u l-fondi diġa' ġew allokati, s-Sindku ingħata l-parir li din il-proposta titressaq għall-Karnival tas-sena d-dieħla;

8.5.6 residenti fi Sqaq fi Triq ta' Wara s-Sur qed jissuġġerixxu li l-bozza antika li hemm fl-isqaq tinbidel ma' tliet bozoz ġodda. Ir-residenti jaċċettaw li l-bozoz jeħlu mal-propjetajiet tagħhom. Il-membri qablu li jintalab il-parir tal-Enemalta;

8.5.7 persuna li wriet ix-xewqa li tixtri qsari tal-konkos li l-Kunsill mhux juża li jżomm fil-*playing field*. Il-membri ma qablux anke minħabba l-fatt li dawn jintrefgħu għal meta jinkisru oħrajn li jintużaw fit-toroq u pjazez;

8.5.8 resident li qed jissuġġerixxi li jsiru CCTV cameras fi Triq Ġużeppi Spiteri biswit il-bini fejn għandu appartament. Dan minħabba li qed jintefa l-iskart f'sit mhux mibni maġenb il-propjeta' tiegħu. Il-Kunsill diġa' poġġa żewġ tabelli li jindikaw biex ma jintefax skart. Il-membri qalu li mhux possibli li jsiru kameras kull fejn hemm sit mhux mibni;

8.5.9 residenta mill-isqaq ta' Triq Mons. Ġużeppi Farrugia li għarrfet lill-Kunsill rigward it-tabella li twaħħlet minn stabbiliment ġdid bl-isem 'Nomad'. Il-Kunsill ġie mgħarraf li ntalab

il-permess tal-Awtorita' tal-Ippjanar (PA 0046/25). Ilmentat li din it-tabella ġieli tkun tixgħel lejl u nhar.

8.5.10 Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni rigward li meta qed ikun hemm il-funerali fi Pjazza San Ġorġ, is-sidien tar-ristoranti qed jinjoraw l-avviżi tal-Kunsill Lokali sabiex jitneħħew l-imwejjed u s-siġġijiet. Hu propona li tinħareġ stqarrija sabiex il-pubbliku jkun infurmat li minħabba nuqqas ta' koperazzjoni minn naħa tal-awtoritajiet, ma jinħarġux aktar permessi għaż-żarmar tal-Pjazza. Wara diskussjoni qasira, l-membri qablu li għandha tintbaghat ittra lill-Ministri konċernati fejn il-Kunsill jisħaq fuq il-bżonn ta' Unit ta' Infurzar f'Għawdex tal-Awtorita' tal-Artijiet. Jekk il-Kunsill ma jkollux risposta, imbagħad jiddiskuti sabiex tinħareġ stqarrija.

85.11 Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill għandu jesplora l-possibilita' li tiġi organizzata attivita' konnessa mal-Ġimgħa l-Kbira u l-Għid u jara jibbenifkax minn fondi tad-Direttorat għall-Wirt Kulturali fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar. Il-membri qablu.

**8.6 Immaniġjar tat-traffiku**

Transport Malta (TM) approvat:-

8.6.1 *1m double yellow line* biswit il-garaxx ta' 'Vella Muskat Crt', fi Triq Patri Anton Debono S.J.;

8.6.2 *1m double yellow line* fi-żewġ naħat ta' garaxx fi Triq it-8 ta' Diċembru;

8.6.3 *1m double yellow line* biswit il-garaxx ta' 68, fi Triq il-Kunsill Ċiviku;

8.6.4 *1m double yellow line* biswit il-garaxx ta' 'Ontario Place', fi Triq Ċetta Mintoff;

8.6.5 *1m double yellow line* biswit il-garaxx ta' 'Bellusa', fi Triq Ġuże' Ellul Mercer;

8.6.6 *keep clear* quddiem il-garaxx taċ-Ċentru ta' Kana fi Triq l-Arċisqof Pietru Pace.

8.6.7 Dwar il-proposta sabiex isiru r-road markings u jiddaħħal parkeġġ ta' vettura u parkeġġ tal-muturi fi Triq Sant Indrija, TM qalet li t-triq mhix addattata sabiex tipparkja vettura fiha u vettura pparkjata tfixkel vetturi oħra li jużaw din it-triq. Ta' min jinnota li fil-passat f'din it-triq kien hemm parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita'.

8.6.8 Il-Kunsill irċieva suġġeriment mill-Kunsill tal-Fontana sabiex isir pedestrian crossing fi Triq Sir Arturo Mercieca wara s-Seminarju. Dan is-suġġeriment ġie mgħoddi lill-TM

8.6.9 Il-membri qablu li jitressaq suġġeriment lill-TM sabiex issir bankina fl-ewwel parti ta' Triq Santa Dminka, n-naħħa tal-kunvent tas-sorijiet ta' Pompei.

8.6.10 Il-Kunsill għandu jiġbed l-attenzjoni ta' TM li kemm ilu hemm Triq Sant' Ursola magħluqa minħabba l-bini tat-tank tal-pompa tal-petrol, it-traffiku mhux qed jeħel peress li mill-parti ta' fuq ta' Triq Repubblika mhux qed jgħaddu l-karozzi tal-linja u l-*open-top buses*.

**8.7 *Playing Field – update***

8.7.1 Is-Sindku qal li l-*Bill of Quantities (BOQs)* qed jinħadmu mill-Perit Scerri u l-Enġineer Cordina fir-rigward ta'elettriku u dwal.

**8.8 Proġett Pjazza Santu Wistin – *update***

8.8.1 L-istess għall-Pjazza Santu Wistin qed jinħadmu l-*BOQs* sabiex il-Kunsill iressaq l-istejjem sabiex jiġu akkwistati l-fondi biex jitwettqu dawn il-proġetti.

**8.9 Estimi 2025**

8.9.1 Tressaq draft tal-baġit għas-sena 2025.

8.9.2 Is-Sindku qal li kiteb lis-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali sabiex jiġbed l-attenzjoni u jistaqsi għaliex ir-Rabat Għawdex ma jibbenefikax mill-fond tal-lokalitajiet turistiċi fejn kull persuna li żżur lil Għawdex żgur li ser tidħol ir-Rabat. Barra minn hekk, ġibed ukoll l-attenzjoni li mill-Fond t'Aġġustament, bħala Belt, ir-Rabat jieħu il-minimu ta' €10,000 fis-sena.

8.9.3 Dan ġie diskuss u approvat skont dokument A anness.

**8.10 Offerta – Tindif ta' Toroq**

8.10.1 L-offerta ħarġet fis-17 ta' Jannar u tagħlaq il-Ġimgħa 28 ta' Jannar, 2025.

8.10.2 Il-membri tal-bord t'aġġudikazzjoni huma William Sultana Ċermen, is-Segretajru Eżekuttiv u l-Accountant Daniel Galea, l-Inġinier Mario Cauchi u Fabian Galea il-membri.

**8.11 *Bollards* Pjazza Inidpendenza**

8.11.1 Il-membri qablu li l-kuntrattur magħżul li ħa din l-offerta għandu jingħata data li fiha hu jindika dan ix-xogħol meta ser isir, anke' biex qabel jitneħħew il-*bollards* il-qodma u l-art titħalla kif suppost biex jeħlu l-*bollards* il-ġodda.

**8.12 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti**

8.12.1 Ġew approvati l-kontijiet għax-xahar ta' Jannar 2025, skont dokument B anness**.**

**8.13 Xogħolijiet oħra**

Il-membri qablu li:-

8.13.1 jinbidlu t-tabelli qodma li hemm fi Triq Palma kantuniera ma' Triq Agius De Soldanis;

8.13.2 fit-23 ta' Frar, 2025, tiġi organizzata parata mill-Kwartieri tal-Victoria Scouts Group għall-Knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb f'taċ-Ċawla. Dakinhar hi 'Founders Day' tal-iscouts madwar id-dinja. Il-Kunsill ser iħallas is-servizz tat-TM officer biex jikkontrolla t-traffiku waqt il-parata;

8.13.3 tiġi organizzata festa żgħira fil-Lunzjata fl-okkażjoni tal-festa ta' Marija Annunzjata li ssir fil-25 ta' Marzu. M'għandiex tinqabeż is-somma ta' €300.

8.13.4 Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni rigward iz-zokk tas-siġra li hemm fi Pjazza Indipendenza li kienet tqaċtet bil-maltemp. Billi s-siġar ta' din il-Pjazza qed joħolqu ħmieġ kbir hu ssuġġerixxa li dan iz-zokk jitneħħa u floku ssir siġra ta' tip ieħor. Il-membri qablu li l-Kunsill jieħu l-parir tal-Perit f'dan ir-rigward.

8.13.5 Il-membru Schembri qal li l-Old Motor Cars Associatioin interessati li jorganizzaw wirja fil-ġranet ta' wara l-Għid. Il-membri qablu li din l-attivita' ssir fi Pjazza President J F Kennedy u għandha tinstab id-data idejali.

## 8.14 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fin-12:30 u kien hemm qbil unanimu bejn il-membri li d-data tal-laqgħa li jmiss tiġi miftehma aktar 'il quddiem.

Konfermati, illum, l-Erbgħa, 19 ta' Frar , 2025.

| | |
|---|---|
| Brian Azzopardi<br>Sindku | Miriam Attard<br>Segretarju Eżekuttiv |